

## I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

## REGOLAMENTI

### REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1009/2008

**tad-9 ta' Ottubru 2008**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrīkola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

bhejjem fuq l-impriżza, flimkien mad-dati ta' dawn l-avvenimenti, fperijodu stabbilit mill-Istat Membru bejn tlieta u sebat ijiem minn meta jkun ġara l-avveniment.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) L-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 <sup>(2)</sup> jipprevedi li, fil-każ ta' pagamenti għaċ-ċanga u l-vitella, pagamenti addizzjonali magħmula mill-Istati Membri lill-bdiewa għandhom jingħataw taħt il-kondizzjonijiet previsti fil-Kapitolu 12 tat-Titolu IV ta' dak ir-Regolament.
- (2) L-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jipprevedi li, biex jikkwalifika għall-pagamenti diretti taħt il-Kapitolu 12 tat-Titolu IV ta' dak ir-Regolament, annimal għandu jiġi identifikat u rreġistrat fkonformità mar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem ta' l-ifrat u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga <sup>(3)</sup>.
- (3) It-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 jipprevedi li kull sid ta' l-annimali għandu jirrapporta lill-awtorità kompetenti l-movimenti kollha lejn u mill-impriżza u t-twelid u l-imwiet kollha tal-

(4) Madankollu, jeħtieġ li jiġi ċċarar l-iskop ta' l-obbligu stabbilit fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Il-fatt biss li d-data tat-twelid, tal-mewt jew ta' kwalunkwe moviment ta' l-annimal ma tigħix irrappurata lill-awtorità kompetenti fil-perijodu msemmi fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 m'għandux jiddiskwalifikah awtomatikament minn kwalunkwe pagament. Il-bidu tal-perijodu taż-żamma ta' l-annimal jaista' wkoll jiġi kkunsidrat bħala l-waqt opportun biex wieħed jivverifika jekk l-annimal ikkonċernat huwiex fil-fatt identifikat u rreġistrat għall-iskop ta' l-għoti tal-pagamenti taħt il-Kapitolu 12 tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

(5) L-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

(6) L-iskop ta' din l-emenda huwa limitat għall-għan li tiġi stabbilita l-el-ġibbiltà għall-pagamenti. Din l-emenda ma tbiddilx it-träċċabbiżta ta' l-annimali, peress li l-bdiewa jibqħu obbligati li jikkonformaw mar-rekwiżi kollha ta' identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni kollha stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000.

(7) L-obbligu stabbilit fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandu japplika għall-pagamenti kollha taħt il-Kapitolu 12 tat-Titolu IV ta' dak ir-Regolament. Billi l-perijodu ta' referenza stabbilit għall-ġestjoni ta' dawk il-pagamenti huwa s-sena kalendarja, din l-emenda għandha tkun applikabbi mill-1 ta' Jannar 2008 sabiex tapplika għall-pagamenti kollha li jsiru matul is-sena kalendarja 2008 kollha,

<sup>(1)</sup> Opinjoni mogħtija fit-8 ta' Lulju 2008 (għadha ma ġietx ippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"Madankollu, annimal għandu wkoll jitqies eliġibbli għall-pagament meta l-informazzjoni stabbilita fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tkun

ġiet irrapportata lill-awtorità kompetenti fl-ewwel jum tal-perijodu taż-żamma ta' l-annimal, kif determinat skond l-Artikolu 144(2) ta' dan ir-Regolament".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħi f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħi u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 9 ta' Ottubru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. BUSSEREAU

---